MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2012

Numru 775/2012

Il-Pulizija
(Spettur Edel Mary Camilleri)

vs

Toure Issa

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta’ karta ta’ l-identita’ tal-Pulizija numru 11D-151, akkuzat talli fit-28 ta’ Lulju 2012 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer:

1. ta jew ghala li jinghata xi prospett falz jew dikjarazzjoni falza, jew taghrif ta’ fatti foloz lil Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 32(1c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. taht l-istess cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu passaport mahrug lil persuna ohra, kif ukoll ircieva

passaport mahrug lil haddiehor. Dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat tiddikjarah u ssibu hati tal-imputazzjonijiet kontrih dedotti.

Rat l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap 217, l-Artikolu 3 tal-Kap 61 u l-Artikolu 17(b) tal-Kap 9.

Tikkundannah disa’ xhur prigunerija sospizi ghal sentejn bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabbilitaijiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------